**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Novembru, 2015**

**Avviz nru: 164/2005 MLF**

**Jeremy James Camilleri**

**vs**

**Carmelo Bianco sive Charles f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Western Company Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur fejn talab li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat prevja dikjarazzjoni illi l-konvenuti, jew min minnhom, baqghu inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali assunti minnhom meta bieghu lill-attur il-vettura tal-marka Mazda 323 F bin-numru ta' registrzzjoni WLD 323, u cioe' li jirrangaw diversi nuqqasijiet u difetti li l-vettura kien fiha fil-mument tal-bejgh, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz u kif jirrizulta wkoll mill-istima hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A, liema obbligi kienu kundizzjoni essenzjali tal-bejgh, u dan minkejja ukoll diversi talbiet da parti ta' l-attur sabiex il-vettura tissewwa, tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex ihallsu s-somma ta' elf mija u sebgha u tmenin liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm1187.67) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, izda li ma

teccedix il-hames t'elef liri Maltin (Lm5,000) rapprezentanti spejjez sabiex tissewwa l-vettura in kwistjoni skond il-ftehim bejn il-partijiet, u dan skont l-anness stima (immarkata bhala Dokument A).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Carmelo sive Charles Bianco pro et nomine fejn espona:

1. Preliminarjament illi l-konvenut Carmelo sive Charles Bianco ma ghandu l-ebda rabta ma' l-attur f'ismu personali u ghalhekk m'huwiex legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu illi l-konvenut pro et nomine assuma xi obbligi mal-ftehim tal-bejgh illi jirranga xi nuqqasijiet jew difetti fil-vettura. Fi kwalunkwe kaz ukoll, l-attur xtara l-vettura tale quale, id-difetti latenti jew eskluzi, u dana wara li l-attur ispezzjona l-vettura. Ghalhekk it-talbiet attrici in kwantu infondati fil-fatt u fid-dritt ghandhom jigu respinti fil-mertu kontra l-attur.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Fis-26 ta' Novembru 2008 innominat lil Joseph Mallia bhala espert kalligrafu halli jezamina l-firem tal-partijiet f'certi dokumenti esebiti in atti;[1]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

[1] Ara fol. 98 tal-process.

Fil-kawza odjerna, il-fatti huma kontestati, u ghalhekk il-Qorti se tirriproduci in succint, il-verzjoni ta' kull wahda mill-partijiet.

*Verzjoni tal-Attur*

1. L-attur xehed li mar f'hanut li jbiegh vetturi, u ghogbitu vettura tat-tip Mazda, mudell 323F bin-numru ta' registrazzjoni WLD 323. L-attur jghid li hu nnegozja mal-konvenut Carmelo sive Charles Bianco.[2]
2. Qabel ma' xtara l-vettura, l-attur induna li l-vettura kellha s-segwenti hsarat : (i) id-dwal ta' quddiem (il-*headlamps*) ma kienux qed jitilghu u jinzlu; (ii) l-electric sunroof kien qed jehel ; u (iii) l-electric windows kienu qed jehlu.[3]
3. Il-konvenut Bianco qal lill-attur li se jiehu hsieb sabiex dawn il-hsarat jigu msewwija sal-gurnata tal-ghada.[4]
4. Meta l-attur mar fil-hanut l-ghada, il-hsarat kienu msewwija hlief ghad-dwal ta' quddiem. L-attur jghid li l-konvenut Bianco wieghdu li kien se jirranga dawn ukoll. L-attur qaghad fuq il-kelma tieghu, iffirma kambjalijiiet. Il-prezz kollu kien ta' Lm2000, li minnhom hallas LM300 in kontanti u l-bilanc kellu jithallas permezz tal-kambjalijiet. L-attur jinsisti li ma ffirma l-ebda ftehim jew kuntratt.[5]
5. Il-vettura giet inxurjata mill-attur.[6]
6. L-attur halla l-karozza ghand il-konvenut sabiex jigi rrangat id-dawl ta' quddiem, u l-konvenut cempillu u qallu biex jigbor il-vettura minghand l-electrician f'Haz-Zebbug. Meta dahal fil-karozza, l-attur induna li l-windscreen kien ixxaqqaq. Huwa cempel lill-konvenut dak il-hin stess u dan assigurah li jekk saret xi hsara fil-windscreen kien se jibdilhielu. Fil-fatt, il-konvenut iffirma dikjarazzjoni bla data ghan-nom ta' Western Co. Ltd. fejn iddikjara illi "l-windscreen tal-vettura Mazda 323F tigi mghoddija lilek minn naha taghna fi zmien xahrejn mill-lum."[7]

[2] Ara x-xhieda ta' Jeremy James Camilleri a fol. 17 tal-process.
[3] Ara x-xhieda ta' Jeremy James Camilleri a fol. 18 tal-process.
[4] Ara x-xhieda ta' Jeremy James Camilleri a fol. 18 tal-process.
[5] Ara x-xhieda ta' Jeremy James Camilleri a fol. 18 tal-process.
[6] Ara x-xhieda ta' Robert Grech a fol. 41 tal-process.
[7] Ara n-nota miktuba minn Charlie Bianco/Wester Co. Ltd bla data a fol. 23 tal-process.

7. Sadanittant l-oggetti kollha difettuzi li l-attur kien ikkonstata qabel xtara il-vettura regghu hargu, kollha kemm huma,[8] apparti li issa kien hemm il-windscreen imxaqqaq ukoll.
8. Il-konvenut, Charles Bianco accetta illi l-attur jiehu l-vettura ghand electrician ta' l-ghazla tieghu biex jissewwew il-hsarat kollha, a spejjez ta' l-istess konvenut.[9]
9. L-attur ha l-vettura ghand electrician, bil-kunjom Pulis, pero dan infurmah li biex jigu irrangati d-difetti, kienu jinvolvu spejjez kbar. L-attur informa b'dan lill-konvenut Bianco, li qallu biex igiblu l-vettura u kien jirrangaha hu stess.
10. L-attur cempel diversi drabi lil Bianco biex johodlu l-vettura sabiex tigi riparata, pero dan kien dejjem jitolbu ftit iktar zmien u wara xi gimghat Bianco ma baqghax jirrispondi t-telefon.
11. Fit-12 ta' Dicembru 2003, il-konvenut gab stima minghand Gasan Enterprises Limited sabiex jissewwew il-hsarat indikati, iktar il'fuq, li tammonta ghal LM 1187.67[10] liema stima giet riveduta iktar tard fis-27 ta' Marzu 2006 fl-ammont ta' LM 1101,[11] peress li kienu tbiddlu l-ispejjez tal-parts u l-labour. Pero iz-zewg stimi ma kienux jinkludu l-labour charges sabiex jigi rrangat is-sunroof, ghax il-hsara tas-sunroof setghet biss tigi stabbilita wara li jinqala is-sunroof.

<u>*Verzjoni tal-Konvenuti*</u>

10. Il-vettura nbieghet lill-attur fis-6 ta' Awwissu 2003, dak in-nhar illi l-attur kien ra l-ewwel darba,[12] u giet iffirmata skrittura dak in-nhar stess bejn l-attur u l-konvenut Charles Bianco ghan-nom ta' Gianluca Auto Dealers, pero isfel fl-ahhar tal-iskrittura, Bianco iffirma ghas-socjeta konvenuta Western Co. Ltd.[13]
11. Klawsola 5 tal-iskrittura tghid hekk: "*Il-vettura qed tinbiegh tale quale u cioe bla ebda garanzija ghal xi difetti latenti u ghal dan il-ghan, il-kompraturi qieghdin*

[8] Ara x-xhieda ta' Jeremy James Camilleri a fol. 19 tal-process.
[9] Ara x-xhieda ta' Jeremy James Camilleri a fol. 19 tal-process.
[10] Ara l-istima ddatata 12 ta' Dicembru 2003 u mmarkat bhala Dok A a fol. 2 tal-process.
[11] Ara l-istima ddatata 27 ta' Marzu 2006 a fol. 64 tal-process.
[12] Ara x-xhieda ta' Charles Bianco a fol. 80-81 tal-process.

[13] Ara l-iskrittura ezebita mill-konvenut Charles Bianco a fol. 88 tal-process.

*jirrinunzjaw ghal kull dritt li talvolta jista' ghandhom stante li huma spezzjonaw l-imsemmija vettura u jiddikjaraw li huma sodisfatti minnha.*"[14]

12. Il-konvenut Charles Bianco qal illi l-attur informah « ...illi jekk hemm xi naqriet sabiex inhallihom f'idejh » u dan b'referenza ghal xi hsarat li seta' kien hemm, izda l-konvenut wiegbu illi l-vetturi jinbieghu tale quale.[15]

13. Il-vettura giet irregistrata fuq l-attur bl-licenzja valida sa' Novembru 2003 fit-18 ta' Awwissu 2003 liema vettura kienet soggetta ghat-test tal-VRT matul id-disghin il-gurnata precedenti l-ahhar ta' Novembru 2003.[16]

14. Il-konvenut Charles Bianco qal illi l-vettura kienet ittiehdet ghat-test tal-VRT izda rcevuta m'ghandhux ghax qeghda fil-pussess ta' l-attur.[17]

15. Il-konvenut Charles Bianco xehed li ma jiftakarx jekk kienx qabad l-attur ma xi electrician[18], izda jiftakar ukoll illi « ...meta l-attur mar ghand electrician hallastu jien. »[19]

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

*L-Ewwel Eccezzjoni tal-Konvenuti fin-Nota ta' Eccezzjonijiet Taghhom.*

Din il-Qorti trid l-ewwel u qabel kollox tiddetermina l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fin-nota taghha fis-sens illi l-konvenut Charles Bianco mhuwiex il-legittimu kontradittur, u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Matul il-kors tal-kawza gew ipprezentati diversi dokumenti: gie pprezentat kuntratt ossia ftehim ddatat 6 ta' Awwissu 2003[20], fejn fil-parti ta' fuq jinghad li dan il-ftehim qed isir bejn Charles Bianco ghan-nom ta' Gianluca Auto Dealers u l-attur, izda fil-parti t'isfel tieghu Charles Bianco iffirma ghan-nom ta' Western Co. Ltd. Gew ezebiti zewg dokumenti tal-Bank of Valletta p.l.c. fejn Charles Bianco qal li ggira l-kambjali[21] izda liema dokumenti

[14] Ara l-kuntratt a fol. 88 tal-process.
[15] Ara x-xhieda ta' Charles Bianco a fol. 81 tal-process.
[16] Ara d-dokument ta' registrazzjoni a fol. 84 tal-process.
[17] Ara x-xhieda ta' Charles Bianco a fol. 82 tal-process.
[18] Ara x-xhieda ta' Charles Bianco a fol. 81 tal-process.
[19] Ara x-xhieda ta' Charles Bianco a fol. 83 tal-process.
[20] Ara l-kuntratt datat 6 ta' Awwissu 2003 a fol. 88 tal-process.
[21] Ara x-xhieda ta' Charles Bianco a fol. 81 tal-process.

mhux iffirmati mill-Bank of Valletta, jindikaw lil Western Co. Ltd bhala d-drawer[22] u l-agent.[23] Gie prezentat ukoll dokument bla data intitolat *Notice of Transfer* lid-Direttur tat-Traffiku li gie ffirmat minn Charles Bianco f'ismu propju bhala l-venditur u l-attur bhala x-xerrej.[24] L-atturipprezenta d-dikjarazzjoni bla data maghmula fil-konfront tal-windscreen giet maghmula minn Charles Bianco ghan-nom ta' Western Co. Ltd. Fir-rapport tal-espert kaligrafu hemm dokument ossia ftehim, li originarjament kien a fol. 85 tal-process, bil-letterhead C. Bianco Auto Dealer ddatat 6 ta' Awwissu 2003 fejn Charlie Bianco gie indikat bhala l-bejjiegh, u li jikkontjeni l-kundizzjonijiet tal-bejgh li kif se jinghad iktar tard huma differenti minn dawk tal-ftehim l-iehor li jgib l-istess data u li wkoll hu ezebit fil-process.[25] L-ircevuta ghal kambjala li giet imhallsa nharget mis-socjeta' Western Company Limited. Giet ezebita ittra datat 6 ta' Awwissu 2004 mibghuta lil Charles Bianco bhala propretarju u gestitur ta' Western Auto Dealers izda giet iffirmata minn ghan-nom ta' Western Co. Ltd u l-istess ittra ghandha l-letterhead ta' Western Co. Ltd.[26]

Mis-suespost jidher li hemm konfuzjoni shiha ta' liema kappell kien qed jilbes il-konvenut Charles Bianco, ghax mid-dokumenti ezebiti huwa jidher f'ismu proprju, ghan-nom ta' Gianluca Auto Dealers, ghan-nom ta' Western Co. Ltd, ghan-nom ta' Western Auto Dealers u ghan-nom ta' C. Bianco Auto Dealer. Mir-rapport tieghu, jirrizulta li l-espert kaligarafu ezamina l-firma tal-attur fuq il-ftehim ma' Charles Bianco f'ismu proprju bhala l-bejjiegh, u ikkonkluda li l-firma fuq dan id-dokument hija tal-attur, u ma ezaminax il-firma tal-attur fuq il-ftehim mal-konvenut Bianco f'isem is-socjeta Western Co. Ltd.

Konsegwentament, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-konvenut Charles Bianco huwa legittimu kontradittur ghax hu iffirma l-ftehim tal-bejgh tal-vettura in kwistjoni f'ismu proprju. Inoltre, l-attur dejjem xehed li hu kien jittratta mal-konvenut Charles Bianco, u qatt ma ssemmiet is-socjeta konvenuta, hlief meta Charles Bianco ghas-socjeta konvenuta obbliga ruhu bil-miktub

[22] Ara d-dokument fuq il-Bills tal-Bank of Valletta a fol. 86 tal-process.
[23] Ara d-dokument intitolata Bills Discounting Customer Information Form a fol. 87 tal-process.
[24] Ara n-Notice of Transfer a fol. 89 tal-process.

[25] Ara l-ftehim ezebit bhala a fol. 88 tal-process.

[26] Ara l-ittra a fol. 46 tal-process.

li jbiddel il-windscreen tal-vettura in kwistjoni, meta dan ixxaqqaq, waqt li l-vettura kienet ghand l-electrician ta' Bianco.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tichad din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom.

*Eccezzjoni Ulterjuri – Improponibbilita tat-Talba Attrici*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, il-konvenuti ssollevaw eccezzjoni ulterjuri fis-sens li t-talba attrici hija legalment improponibbli, ghaliex skond il-kazistika kostanti ta' dawn il-Qrati, ir-rimedji miftuha lix-xerrej f'kaz ta' vendita huma dawk dettati fl-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, fejn l-oggett ma jkunx tal-kwalita pattwita, u fl-Artikolu 1427 tal-Kodici Civili, li jitratta l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett latenti. Il-konvenuti ssottomettew illi l-azzjoni attrici hija impostata bhala azzjoni merament ta' danni, u m'ghandha l-ebda bazi guridika, fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgh.

Il-Qrati Maltin ippronunzjaw ruhhom diversi drabi fuq eccezzjonijiet li jitqajjmu fi stadju ulterjuri tal-kawza. Fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[27] fl-ismijiet **Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited** fis-7 ta' Dicembru 2005, gie ritenut is-segwenti:

*"B' introduzzjoni ghall-ezami u decizjoni tal-ewwel aggravju jigi qabel xejn notat illi skond kif provvdut fl-Artikolu 728 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 731, "l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawn l-eccezzjonijiet dilatorji." Jissokta jinghad fis-subinciz (2) tal-precitat Artikolu 728 illi "ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza". L-unika deroga hi dik fejn il-Qorti tkun sodisfatta li jezistu ragunijiet ohra fin-nota jew fir-risposta;*

[27] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*L-imsemmija provvedimenti tal-ligi gew approfonditi sew fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell in re "**John Mary Vella et -vs- Winston Azzopardi nomine**", 6 ta' Ottubru 1999, ghal liema konsiderazzjonijiet fiha kontenuti qed issir pjena referenza. Brevement, minnhom jitnissel illi n-nota tal-eccezzjonijiet, oltre li kellha ssir fil-forma preskritta mil-ligi u bil-partikolaritajiet dettati mill-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12, kellha tassattivament issegwi r-regola normativa kontenuta fl-Artikolu 728 (1). Li jfisser li min ikun imsejjah f'gudizzju u jrid jikkontesta t-talba ghandu fiz-zmien utli stabbilit jipprezenta nota li fiha jkunu migbura l-eccezzjonijiet tieghu "<u>kollha</u>", sew dilatorji, sew dwar il-meritu;*

*Kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jippreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita."*

Fis-sentenza in parte fl-ismijiet **Sunspot Tours Limited vs C.H. Caterers Limited** deciza fis-16 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) irriteniet hekk:
*"L-Artikolu 728 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kemm dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta, b'dana li l-Qorti tista`, meta tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi tippermetti li jinghataw aktar eccezzjonijiet meta ssir talba b'rikors. Dawn il-provvedimenti ma japplikawx ghall-eccezzjonijiet ta' natura perentorja li, skond l-Artikolu 732 jistghu jinghataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti tal-ewwel grad."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[28] fil-25 ta' Frar 2004 fl-ismijiet: **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Raymond Azzopardi** fejn gie ritenut hekk:
*« Jinsab provvdut fl-Artikolu 728(1) tal-Kap. 12 illi l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu, jinghataw f'nota tal-eccezzjonijiet jew f'risposta skond il-kaz. Strettament ghalhekk l-eccezjonijiet li ma jinghatawx, skond kif hawn preskritt, ma jistghux jitqajmu la f'nota tal-osservazzjonijiet u lanqas fid-dibattitu orali aliex altrimenti l-Qorti ma tiddecidihomx (Ara Kollez. Vol. XXXIV p1 p410 u Vol. XXXVIII pII p583).*

[28] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*Il-kwestjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku kellha titqajjem "ope exceptionis" in kwantu din fis-sustanza vera taghha hi ta' indoli procedurali u preliminari li ma setghetx aktar titqajjem fi stadju inoltrat tal-proceduri."*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, din il-Qorti ma tistghax tiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni tal-konvenuti sollevat fi stadju inoltrat tal-proceduri, u senjatament fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, u dan minghajr il-permess ta' din il-Qorti.

*Il-Meritu*

Il-Qorti se tghaddi issa sabiex tikkunsidra u tiddeciedi il-meritu tal-vertenza. Il-kwistjoni kollha tirrivolvi ruhha fuq kredibilita ta' xhieda, u cioe jekk il-konvenut Bianco u/jew is-socjeta attrici kienux obbligaw ruhhom qabel gie konkluz il-bejgh, li jaghmel certi tiswijiet lill-vettura li ried jixtri l-attur, u li wara l-bejgh jekk obbligawx ruhhom li jibdlu ukoll il-windscreen li xxaqqaq, ghax l-espert kaligarafu ikkonkluda wkoll li l-firma fuq id-dikjarazzjoni dwar il-windscreen kienet dik tal-konvenut Bianco.

Mill-assjem tal-provi, din il-Qorti issib li l-versjoni tal-fatti tal-attur hija aktar verosimili, u dan ghas-segwenti ragunijiet :

1. Il-verzjoni tal-attur, hija korroborata mhux biss minn missieru - li wiehed jista' jargumenta li mhux persuna indipendenti – izda wkoll minn diversi xhieda okulari indipendenti li kienu qed jakkompanjaw lill-attur fit-trattattivi li ghamel ma' Bianco kemm qabel xtara l-vettura, kif ukoll wara li xtara l-vettura.

2. Il-konvenut Bianco ma nnegax jew prova jaghti gustifikazzjoni ghax-xhieda tal-attur u diversi xhieda ohra li hu kien qed jipprova jevita lill-attur u ma jirripondix it-telefonati tal-attur u missieru, u li meta fl-ahhar l-attur u siehbu Alex Cumbo irnexxielhom jsibu lill-konvenut Bianco fil-hanut, dan kellimhom b'mod arroganti u irrifjuta li jaghmel ir-riparazzjonijiet li kien obbliga ruhu li jaghmel.

3. Fix-xhieda tieghu,[29] il-konvenut Bianco l-ewwel jichad li nnegozja mal-attur, u jghid li kien halla *« kollox f'idejn is-salesman »,* imma imbaghad jghid li *« lis-sinjur kellimtu fuq il-karozza pero jara l-karozza kien mar mal-lavrant. Fuq il-kwistjoni tal-prezzijiet iddiljajt jien, pero biex jara u jippruvha kien hemm involut persuna ohra. »*

4. Fix-xhieda tieghu, il-konvenut Bianco jallega li l-attur hareg il-karozza biex jippruvaha, pero b'riferenza ghall-ewwel darba li l-attur mar il-hanut tieghu, il-konvenut jghid li *« ghidnielu wkoll li qabel ma jgib l-assikurazzjoni ahna ma stajniex intuh il-karozza sabiex tinstaq fuq it-triq ... ... xi gurnata wara gabilna l-assikurazzjoni u ghamilna t-transfer. »*

5. Minkejja li fix-xhieda tieghu l-konvenut Charles Bianco ma ftakarx li qabel xtara l-karozza, l-attur gibidlu l-attenzjoni ghal certi difetti, u li jekk hemm xi haga hazina jidhol ghaliha hu, u lanqas ftakar li huwa ftiehem mal-attur sabiex dan jiehu l-vettura ghand electrician ta' l-ghazla tieghu, huwa xorta wahda kkonferma illi « ... *meta l-attur mar ghand electrician hallastu jien.* »[30]

6. Il-konvenut jghid ukoll li kienu hadu l-vettura ghal V.R.T. – presubilment qabel gie iffirmat il-ftehim tal-bejgh, pero mid-Dokument ezebit a fol 84 tal-process, li huwa d-*« Dokument ta' Registrazzjoni ta' Vettura »*, fejn is-sid jidher li hu l-attur hemm is-segwenti notament *« This vehicle must undergo a V.R.T. as a class IIB vehicle during the 90 days immediately preceeding the renewal of the vehicle's road licence before the end of NOVEMBER 2003. »* Ghalhekk huwa car li l-konvenut ma kienx ha l-vettura ghal V.R.T. qabel ittrasferiha lill-attur.

7. Il-konvenut Bianco ma ipprova jaghti l-ebda forma ta' spjegazzjoni ghaliex kienu gew iffirmati zewg ftehim ta' bejgh mal-attur fl-istess gurnata fuq l-istess vettura, wiehed fejn Bianco iffirma ghan-nom tas-socjeta Western Company Ltd. u l-iehor fejn iffirma f'ismu

---

[29] Ara xhieda ta' Charles Bianco a fol. 80 *et seq.* tal-process.

[30] Ara x-xhieda ta' Charles Bianco a fol. 83 tal-process.

personali. U lanqas ta l-ebda forma ta' spjegazzjoni ghalfejn hemm numru ta' divergenzi fil-kundizzjonijiet tal-bejgh fiz-zewg skritturi ta' ftehim.

8. Anki ix-xhieda tal-lavranti li kienu jahdmu mal-konvenut Bianco fiz-zmien relevanti, Ivan Agius u Carmelo Richard mhix wahda verosimili. Wara dan it-trapass ta' xi disa' (9) snin minn meta l-attur xtara l-vettura in kwistjoni, il-Qorti mhix sorpriza li huma ma ftakrux il-parti l-kbira tal-fatti rilevanti dwar il-bejgh tal-vettura lill-attur. Pero il-Qorti hija sorpriza huma qalu li kienu jiftakru li bieghu « *Mazda bajda* » lill-attur, u li addirittura gharfuh fl-awla, meta dawn prezubilment bieghu numru konsiderevoli ta' karozzi tul is-snin, u raw mijiet ta' persuni li jidhlu fil-hanut u ma jixtrux. L-unika haga li z-zewg lavranti ftakru fic-cert kien li l-vettura in kwistjoni kienet tahdem tajjeb.

Fid-dawl tal-inkonsistenzi fix-xhieda tal-konvenut Bianco u n-nuqqas ta' provi biex jikkorroboraw it-tezi tieghu, meta komparata max-xhieda konsistenti tal-attur li hija korroborata minn xhieda ohra indipendenti, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-attur irnexxielu jipprova sal-grad rikjest fil-kamp civili, li huwa accetta li jixtri l-vettura in kwistjoni bl-intiza li l-konvenut Bianco kien se jsewwilu d-difetti li l-attur induna bihom meta ezamina l-vettura, nonostante li l-attur iffirma fil-kuntratt ta' bejgh li qed jixtri l-vettura *tale quale.*

Kif diga intqal, l-espert kaligrafu qatt ma esprima ruhu fuq il-genwita tal-firma tal-attur fuq l-ftehim l-iehor li sar bejn is-socjeta konvenuta u l-attur, fl-istess gurnata u fuq l-istess persuna, fejn mhux biss jinghad li din il-vettura qed tinbiegh *tale quale*, izda wkoll *« cioe bla ebda garanzija ghal xi difett latenti, u ghal dan il-ghan il-kompraturi qieghdin jirrinunzjaw ghal kull dritt li talvolta jista' ghandhom stante li huma spezzjonaw l-imsemmija vettura u jiddikjaraw li huma sodisfatti minnha. »*

Inoltre, l-attur ipprova wkoll sal-grad rikjest fil-kamp civili li wara l-bejgh is-socjeta konvenuta kienet obbligat ruhha li tibdillu l-windscreen li kien ixxaqqaq waqt li l-vettura kienet ghand l-electrician tal-konvenuti. Fis-sottomissjonijiet orali, l-abbli difensur tal-konvenuti issottometta li d-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta fir-rigward tal-windscreen kienet qed tigi interpretata b'mod hazin *« ghax dik l-offerta kienet biss ghar-rigward li jghinuh biex isib min jirrangahom dawn il-windscreens. Jigifieri jghinuh biex jaw min ha*

*jsewwihielu. »*[31] Il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li lanqas il-konvenut Charles Bianco li huwa rapprezentant tas-socjeta konvenuta u li iffirma din id-dikjarazzjoni, ma hareg b'din l-interpretazzjoni waqt ix-xhieda tieghu. Fit-tieni lok, il-kliem tad-dikjarazzjoni huwa car – li s-socjeta konvenuta qed tobbliga ruhha li l-windscreen tal-vettura in kwistjoni se jigi ritornat lill-attur fi zmien xahrejn. Il-Qorti ma thossx li ghandha telabora aktar fuq din il-kwistjoni.

Fl-ahharnett, ghalkemm din il-Qorti cahdet li tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti sollevata minnhom l-ewwel darba fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, ghal kull buon fini, din il-Qorti hija tal-opinjoni li din hija kawza ghal enforzar ta' ftehim kontrattwali, li ghalkemm sar fil-kuntest ta' bejgh ta' vettura, huwa indipendenti mill-istess bejgh, u konsegwentement id-disposizzjonijiet specjali li jirregolaw l-istitut tal-bejgh huma rrelevanti ghar-rizoluzzjoni tal-kawza odjerna.

Fir-rigward tal-ammont li ghandu jigi likwidat sabiex jissewwew il-hsarat fil-vettura, il-Qorti hija tal-opinjoni li ghalkemm l-istima tax-xogholijiet li jridu jsiru naqset b'ammont zghir fil-mori ta' dawn il-proceduri, din l-istima ma tkoprix l-ispejjez ghal « *labour* » biex jigi irrangat is-sunroof. Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-opinjoni li ikun gust u ekwu li tillikwida s-somma mitluba fl-avviz, u li kienet fl-ewwel stima, sabiex l-attur ikopri l-ispejjez, jew ghall-inqas parti minnhom tal-« *labour* » biex jigi irrangat is-sunroof.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti :

1. tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Carmelo sive Charles Bianco f'ismu propju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Western Company Limited;
2. tiddikjara li l-konvenuti baqghu inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali assunti minnhom meta bieghu lill-attur il-vettura tal-marka Mazda 323 F bin-numru ta' registrzzjoni WLD 323, u cioe' li jirrangaw diversi nuqqasijiet u difetti li l-vettura kien fiha fil-mument tal-bejgh, liema obbligi kienu kundizzjoni essenzjali tal-bejgh; u li s-socjeta

[31] Ara trattazzjoni tal-PL Quentin Tanti a fol 193 tal-process.

konvenuta baqghet inadempjenti fl-obbligu kontrattwali minnha assunt li tissostitwixxi l-windscreen tal-vettura fuq imsemmija;

3. tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' elfejn seba' mija sitta u sittin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€2766.53) - rapprezentanti is-somma ta' elf mija u sebgha u tmenin liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm1187.67) - lill-attur.
4. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenuti.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**